**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 51 (B'Urġenza) – Il-ĠIMGĦA, 31 TA' LULJU 2015 FL-10.20 AM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1 Wardens Traffic Management Services**

1.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu ltaqa' mas-Segretarju Parlamentari, l-Onor Stefan Buontempo u fost affarijiet oħra, tkellem fuq id-deċiżjoni li ħa l-Kunsill rigward il-bookings tal-Wardens TMS. Hu qal li l-Kunsill jista' jinżamm responsabbli jekk isir inċident fuq lant tax-xogħol u ma jkunx hemm wardens minħabba li l-Kunsill ma jkunx ħa l-booking.

1.2 Hu kompla jgħid li għandha ssir riforma f'dan is-settur fejn aġenzija tal-Gvern għandha tibda tamministra l-wardens hi minflok ir-Reġjun. Dan għandu jseħħ sal-31 ta' Ottubru 2015. Għalhekk hu ppropona li l-Kunsill jerġa' jibda jaċċetta l-bookings għal Wardens TMS.

1.3 Is-Sinjura Marica Bayliss qalet li l-Kunsill kien iddeċieda li jwaqqaf il-bookings tal-Wardens TMS wara komunikazzjoni mal-Kumpanija tal-wardens u anke laqgħat. Il-Kunsill ikkonferma din id-deċiżjoni fil-laqgħa Numru 48 ukoll. Għalhekk hi ppproponiet li l-Kunsill ikompli bil-pożizzjoni tiegħu u jkompli ma jaċċettax bookings għal Wardens TMS. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 2 favur u 3 kontra.

1.4 Is-Sindku ddikjara li l-Kunsill għandu jerġa' jibda jaċċetta bookings tal-Wardens TMS u nforma lis-Segretarju Eżekuttiv biex b'effett immedjat jibdew jiġu aċċettati dawn il-bookings.

**2 Għeluq il-Laqgħa**

2.1 Il-laqgħa spiċċat fil-10.45am. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 31 ta' Awwissu 2015 fl-10.00am.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |